**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Keith Galea**

Numru: 72/2011

Illum 8 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Keith Galea,** ta' wiehed u tletin (31) sena, iben iben John u Helen nee' Mifsud, imwieled Pieta', Malta fit-13 ta' Marzu 1980 u residenti fil-fond numru 20, Triq il-Kardinal Sciberras, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' bi-numru 155880M, akkuzat talli fl-14 ta' Lulju 2011 gewwa diversi postijiet f'Ghawdex f'hinijiet differenti:

1. sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifisu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija

falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra GAM 062;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra GAQ 237;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu min-numri ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dawk moghtija mill-Awtorita' kompetenti fuq vettura bil-mutur u cioé ghamel uzu min-numri tar-registrazzjoni jaqra GAM 062 u GAQ 237;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna kkundannata f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, kellu fil-pussess tieghu oggetti li ma kienux tal-kondizzjoni taghhom u ghodod tajba ghall-ftuh jew sgassar, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal-liema skop legittimu jinsabu ghandu (Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu munizzjoni (skratacc) minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu munizzjoni li jirrilaxxa sustanzi letali jew irritanti.

<u>Akkuzat ukoll talli bejn is-7 u d-9 ta' Lulju 2011 gewwa dawn il-Gzejjer ta' Malta, f'hinijiet differenti:</u>

8. ikkommetta serq ta' zewg pjanci u cioé numri tar-registrazzjoni li jaqraw GAM 062 u GAQ 237 liema serq

huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment ta' Ludwig Vassallo, Reno Vella u/jew persuni ohra;

9. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, liema hwejjeg misruqa huma zewg pjanci u cioé numri tar-registrazzjoni jaqraw GAM 062 u GAQ 237;

10. talli naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta;

11. Talli rrenda ruhu recediv permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 278 u 279) datata 8 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat Keith Galea biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(l) Artikoli 18, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(m) Artikoli 18, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(n) Artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(o) Artikoli 18 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(p) Artikoli 3(a) 4, 5(1), 35(3), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iSkeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(q) Artikoli 3(a), 4, 5(1), 35(3), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iSkeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(r) Artikoli 3(a), 4, 5(1), 35(3), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iSkeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(s) Artikoli 261(b)(f), 263, 270, 278(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(t) Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(u) Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(v) Artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(w) Artikoli 17, 23, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 358 u 359), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Ottubru 2012, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat Keith Galea jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana ghall-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu (*a fol.* 278), u semghetu jikkonferma tali ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew f'Ottubru 2011. F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ittenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi" [4.2.2010] u cioe' li:-

*"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f' dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata w kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it- tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, ma hix accettabbli w hemm bzonn li tigi korretta b' mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju w stabbilit bil-ligi."*

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti qieset ukoll li issa kwazi ghaddew erba' snin mill-kommissjoni tar-reat u minn dakinhar sal-llum l-imputat ma fetahx kazijiet godda, li l-imputat jahdem, ghamel kors biex kiseb l-O levels u anke kwalifika bhala Software Engineer.

Ghalhekk f'dan il-kaz thoss li hu applikabbli dak li rriteniet il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Nikola Farrugia et**." [2.10.2002] u cioe' li:-

> *"... t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz- zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."*

**Decide:**

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat jkompli miexi fit-triq it-tajba u jaghraf ma jergax jirrepeti l-izball li huma kkomma.

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 8 ta' Ottubru 2012 u senjatament Artikoli 18, 64(1),184, 188, 189, 261(b)(f), 263, 270, 278(1)(2), 281(a) u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 3(a) 4, 5(1), 35(3), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iSkeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Keith Galea hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Keith Galea taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma soggetti ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputat seba' mitt ewro (€700) multa inkonnessjoni mal-imputazzjoni fejn instab hati li kellu paper spray fil-pussess tieghu.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha nghatat din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma jew parti

minnha fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Keith Galea.

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**